MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2013

Numru. 691/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR KYLIE BORG**

**VS**

**PAULO MIGUEL COSTA OSORIO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paulo Miguel Costa Osorio, detentur tal-Passaport numru 205224 mahrug fil-Portugal.

**Akkuzat talli:**

B’diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, f’dati u f’hinijiet differenti matul ix-xahar t’Ottubru 2011 f’dawn il-gzejjer, xjentement xtara jew laqa` ghandu oggetti misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, meta sar jaf li xi oggetti li kienu fil-pussess tieghu kienu misruqa, mehuda bil-qerq jew akkwistati b’reat, naqas milli jgharraf lill-Pulizija b’dan il-fatt fi zmien preskritt mill-ligi.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;
Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikoli 344 u 344A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat**:

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------